Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAL-ERBGHA U GHOXRIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 9 ta' Dicembru 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.00pm | Sa | 7.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**
   Approvati.

   Is-Sindku talab sospensjoni tal-Agenda sabiex jigu diskussi items 4, 5, u 6 qabel u mhux fl-ordni tal-Agenda minhabba li Dott. Messina Ferrante xtaq jirtira kmieni.

2. **PUNTI MQAJJMA**
   a) Is-Sur Gerald Borg qal li l-Kunsill kien qabel li jibdew ir-ronda l-Green Wardens w'ghalhekk xtaq ikun jaf kemm il-citazzjoni inghataw s'issa.Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li mhux possibbli jkollha data hekk malajr u ghandha d-dubji taghha kemm is-sistema ttella' c-citazzjonijiet bic-citazzjoni ghax is-search criteria jew bl-ID card jew bin-numru tal-vetturi. Is-Sur Spiteri qal li l-informazzjoni tinghata iktar 'l quddiem.

3. **KORRISPONDENZA**
   🗁 Email minghand Edward Said fuq Skedar tal-Embankment, li jinbeda l-process ta' skedar u devoluzzjoni u wara jkun jista' jipprocedi bir-rijabilitazzjoni.
   **DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill talab ukoll lis-Sur Edward Said ihejji Press Release.
   🗁 Ittra minghand is-Sur Daniel Grech, BOV plc Branch Manager fejn ghadda informazzjoni ghall-ittra tal-Kunsill li fl-ebda him il-bank qatt ma qal le ghal talbiet minn residenti li jkollhom jaghmlu uzu minn bathroom.
   🗁 Kwotazzjoni fuq tiswija ta' hajt fi Triq il-Gibjun. Din il-kwotazzjoni hi gholja wisq u la ma taqax taht ir-responsabbilta' diretta tal-Kunsill mhux sew li jintefqu flus meta dawn l-eghlieqi huma mikrija.
   🗁 Artiklu fil-gurnal l-orizzont rigward Hlas ghall-Gbir ta' Skart ghall-hwienet iz-zghar.
   🗁 E-mail minghand l-MEPA rigward Policies tac-Cimiterji. Il-Kunsill kien diga' ghamel sottomissjonijiet fuq ic-Cimiterju propost 'l fuq minn Wied Irmiedi u laqat l-aspetti kollha.

4. **APPROVAZZJONI TA' SKEDA TA' PAGAMENTI NOVEMBRU 2013**
   Approvati.

5. **APPROVAZZJONI TA' *PERFORMANCE BONUS* 2013**

Is-Segretarju Ezekuttiv ghamlet rifenza ghat-tabella li giet cirkulata mal-Minuti tas-seduta ta' qabel fejn kienu elenkati r-rati ta' *Performance Bonus* li jibdew mill-massimu ta' 10% fil-kaz taghha u 6% fil-kaz tal-impjegati u jibqghu nezlin sal-minimu skond il-ligi cioe' 5% fil-kaz taghha u 3% fil-kaz tal-impjegati tal-Kunsill. Is-Sur Zammit gibed l-attenzjoni li kien hemm zball tipografiku minhabba li isem is-Sinjura Julie Cachia kien jidher flok ta' Yanica Calleja u s-Sinjura Mifsud imnizzla darbtejn. Is-Sur Spiteri qal li isem is-Sinjura Mifsud irid jigi l-ewwel flok tas-Sinjura Cachia.

Is-Sindku, s-Sur Stefan Cordina talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tiskuza ruhha mill-kamra minhabba li kien ha jigi diskuss il-Performance Bonus taghha. Ghalhekk is-Sinjura Mifsud skuzat ruhha u halliet il-kamra. Ftit minuti wara s-Sindku rega' sejjah lis-Sinjura Mifsud u s-Sur Spiteri saqsiha, jekk il-Kunsill jiddeciedi jaghti l-massimu minhabba li hu konvint li l-Performance tal-Kunsill kienet wahda tajba hafna, dan jista' jibdel il-mod kif ir-residenti qed jiehdu servizz? Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dejjem kienet prerogattiva tal-istaff li r-resident jigi l-ewwel u fl-opinjoni taghha dan ghandu iktar issahhah u jaghmel kuragg lill-haddiem biex jaghti iktar minn dak li jiflah jaghmel u jaghti servizz mill-ahjar.

Is-Sur Cordina ghalhekk informa s-Segretarju li l-Kunsill permezz ta' Rizoluzzjoni proposta minnu u approvata mill-istess Kunsill, l-istaff kollu ghandu jinghata l-massimu tal-Performance Bonus cioe' 10% fil-kaz tas-Segeretarju Ezekuttiv u 6% fil-kaz tal-impjegati tal-Kunsill. Is-Segretarju tal-Kunsill infurmat lill-Kunsill li dan se jithallas f'Jannar u fil-kaz taghha wara li tiecievi konferma mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

Hi ghaddiet ir-ringrazzjamenti taghha lill-Kunsill.
.

6. **AGGUDIKAZZJONI TENDERS**

Is-Segretrju Ezekuttiv spjegat lill-Kunsill li mal-Agenda gew cirkulati r-rati kollha tal-erbgha tenders mitfugha:

**ALC 04/13 Purchase/Rental of premises for Local Council use**

Attard Football Club

**ALC 05/13 The Service Maintenance of Road Markings**

Koptasin
RMS
Signmark Ltd
B. Grima & Sons

**ALC 06/13 Provision of street lighting installation and maintenance**

AG Installations
Projekte Global
JF Mallia

**ALC 07/13 The Service of an Architect and Civil Engineer**

C&C Projects
JB Associates
Dietor Falzon
EMPD
David Vassallo
Daniel Cordina
Philip Grech
Robert Grech
CA Studio
MP&DC
Etienne Magri
A. Bezzina

Ir-rati tat-tenderers huma kollha nkluzi ma' dawn il-Minuti.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi tal-parir li mmorru fuq l-iktar offerti vantaggjuzi cioe' ALC 04/13 Attard Football Club li kienet l-unika tender, ALC05/13 Koptasin, ALC06/13 JF Mallia minhabba li z-zewg tenderers l-ohra gabruha u ma tefghuhiex, ALC 07/13 Dieter Falzon. Is-Segretarju qalet li kulhadd jista' jaghti l-opinjoni tieghu ghar-rigward.

Is-Sur Gerald Borg saqsa ghala ghandha tittiehed decizjoni issa u ma jsirx bhal ma jsir f'Kunsilli ohra u jigi ffurmat bord t'aggudikazzjoni? Is-Sindku rrisponda li bla sens li joqghod jigi ffurmat Bord t'Aggudikazzjoni meta l-parir hu li mmorru fuq l-irhas offerti u meta l-Bord ikun iffurmat mill-istess Kunislliera. Is-Sur Zammit tenna li la huma l-irhas tenders u s-servizz hu wiehed tajjeb m'hemmx x'tara. Is-Sur Bartolo kkonferma dan u qal li la l-kuntratturi prezenti huma l-irhas u dejjem tawna xoghol tajjeb m'hemmx argument.

Is-Sur Gerald Borg hawn qal li xorta ma jaqbilx li tittiehed decizjoni fir-rigward tat-tender tal-Ufficcini u talab lis-Sur Cordina jhalli l-kamra minhabba li hu Vici-President tal-Attard Football Club li ssottomettew it-Tender ghall-kiri tal-Ufficcini u dan ghalih hu *conflict of interest.* Is-Sur Cordina qal li ma jqisx li ghandu kunflitt t'interess minhabba li hu m'ghandux sehem dirett fid-decizjonijiet u kif jaf kulhadd din il-pozizzjoni hi fuq bazi volontarja. Pero' xorta halla l-kamra u ha over minfloku is-Sur Mark A. Spiteri.
Is-Sur Bartolo saqsa ghalfejn qed inkaxkru saqajna iktar meta harget *expression of interest* u ma tefghaha hadd u issa ghat-Tender hawn *bidder* wiehed u jistghu jibdew id-diskussjonijiet.
Is-Sur Cordina nterropa l-laqgha u qal li ha parir t'Avukat. Fil-fatt rega' ghamel telefonata l-Avukat Malcom Mifsud li tpogga fuq speaker u hawn l-Avukat spjega li ghalkemm is-Sur Cordina jifforma parti minn kumitat u la m'ghandux *voting rights* jista' jigi *outvoted*.
Wara din l-ispjega kompliet id-diskussjoni. Is-Sur Spiteri saqsa jekk galadarba jigu accettati r-rati jibdew in-negozjati. Is-Sur Cordina qal li l-kera tista' tibda tithallas meta nidhlu fih. Is-Sur Borg qal li barra li l-Kunsill ha jahli l-flus f'kera, dan b'kollox ha jigi jiswa €235,000 biex jitkomplew il-*furnishings* u jsir lift. Is-Sur Cassar u s-Sur Bartolo qalu li l-kirja se tkun bejn €550 u €750/xahar skond is-snin. Hu rega' tenna li b'kollox il-kirja ha tigi €979/xahar. Is-Sindku qal li mhux xorta ha jkun hemm *value for money* ghax wara 20 sena l-affarijiet zgur ikunu gew *obsolite.* Dott. Messina Ferrante qal li hu kontra li l-post jinkera u saqsa x'*target* wiehed qed jistenna li jottjeni? Is-Sur Borg qal li kien hemm tant djar li setghu jinxtraw bi prezzijiet qrib il-€200,000. Is-Sur Cassar qal li ghandu jittiehed vot u li hu favur li l-Kunsill jidhol f'arrangament u parti mill-Ufficcini ssir Librerija Pubblika akbar.
Fis-6.15pm Dott. Messina Ferrante qam biex ihalli l-kamra u s-Sindku gibidlu attenzjoni li ha jittiehed vot imma qal li ma jistax joqghod iktar mimhabba li suppost halla l-kamra fis-6pm.
Is-Sur Spiteri qal li qabel ma jsir xi forma ta' kuntratt irid jigi zgurat li l-Kunsill ma jintabatx fuq affarijiet li m'ghandux kontroll fuqhom.
Ittiehed vot u l-mistoqsija kienet din: Jekk il-Kunsill jaqbilx li jibdew in-negozjati ghall-ufficcini godda. Il-voti kienu dawn: 4 favur u 4 kontra.
Is-Sindku tefa' l-casting vote u ghaddiet.
Is-Sur Bonnici qal li mhux sew ghax Dott. Messina Ferrante kien kontra u kien jivvota kontra zgur. Is-Sur Azzopardi propona li jcemplulu. Is-Sur Bartolo qal li mhux validu ghax hu telaq u missu baqa'. Huwa ikkonferma dak li kien qal is-Sindku li kien gibidlu l-attenzjoni li ha jittiehed vot. Issuggerixxa wkoll li jsir kuntratt Di Fermo o di Rispetto.
**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Kulhadd qabel li t-tenders ghandhom jinghataw hekk:
**ALC04/13** Jibdew id-diskussjonijiet fuq bazi di fermo o di rispetto ghall-ghaxar snin.
**ALC05/13** Koptasin
**ALC06/13** JF Mallia
**ALC 07/13** Dieter Falzon

.

## 7. AFFARIJIET OHRA

Is-Sur Mark Anthony Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Li jitmexxa l-Bus Stopp fi triq Victor Vassallo ghall-quddiem il-garaxxijiet.
- Li hemm bin maqlugh fi Triq il-Ponsjetta.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Li l-Arriva jaghmlu r-Rotta 54 kollha.
- Wied Irmiedi hemm hajt bil-knaten kollu loose biex jitkahhal.
- Issir enfasi biex fil-gonna u Wied is-Sewda inhallu l-hdura.
- Tintbaghat kopja tal-ktieb ta' Joe Borg lill-Prof. Henry Frendo
- Jaghtuna dati ta' meta ha jzommu talks minn Marco Cremona u Prof. Henry Frendo
- Saqsa kif ha nibqghu fuq il-kaz tal-barriera ghax qisu miet kollox, jekk il-MEPA nfurzatx fuq l-gholi tal-munzelli u kif baqa' Barbaro Sant fuq il-progett tas-solar farm. Is-Sur Cordina qal li hu nfurmat li applikaw.
- Fakkar biex jinxtraw is-sigar minn Gaia Foundation
- Li Wesghat il-Plajja jinxtraw bins vandal proof.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq dawk il-bankijiet homor biex jinxtara iehor ghal hdejn il-flats
- Talab biex issir bicca bankina Victor Vassallo ma' ta fejn John's Garage.

Is-Sur John P. Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li jitnaddaf Wied Irmiedi mill-plastic u karti. Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerit li tista' issir attivita' tipo' Clean Up The World.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet aġġornata ghall-Erbgha, 15 ta' Jannar 2014 fil-5.30pm.

________________________ Sindku

____________________ Data